MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Numru. 233/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**Vs**

**BRIAN GAUCI ta' 38-il sena iben Carmelo u Maria nee' Camilleri, mwieled Pieta' nhar id-09 ta' Gunju 1973 u residenti gewwa 49, White House, Triq ta' Brija, Siggiewi u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 283073(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Brian Gauci akkuzat talli nhar id-09 ta' Frar 2012 u matul il-granet u gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda seraq flus ghal

valur ta’ mhux aktar minn €232.94 (mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu) minn gewwa Kullegg San Injazju, Primarja, Triq Dr. Nicola Zammit, Siggiewi, liema serq huwa aggravt bil-persuna u dan ai termini tal-Artikoli 18, 261, 268 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dana ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali tat-28 ta’ Frar 2012 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta’serq ta’ ammont zghir ta’ flus u cioe’ €59. Mill-provi akkwizti jirrizulta illi l-imputat jahdem bhala purtinar u cleaner gewwa l-Kullegg San Injazju, fi Triq Nicola Zammit gewwa is-Siggiewi. Illi fit- 13 ta’ Frar 2012 dahal rapport mal-pulizija mis-surmast ta’l-iskola Patrick Decelis illi fid-09 ta’ Frar ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofs in-nhar certu Anna Abela, ghalliema gewwa l-iskola, halliet l-ammont ta’ €59 fi flus kontanti gewwa l-kexxun tal-mejda taghha, liema kexxun ma kienx imsakkar. Illi meta jumejn wara marret ticcekkja ghal dawn il-flus, hija sabithom neqsin. Sgass ma kienx hemm allura is-suspett waqa’ fuq xi persuna li tahdem fl-iskola stess. Jidher illi ghalkemm fl-iskola hemm jahdmu b’kollox hames purtinara, madanakollu is-suspett waqa’ fuq l-imputat. Dana ghaliex is-surmast ighid fir-rapport tieghu illi l-imputat kellu ic-cwievet ghal dina l-kamra, kif del resto ghandhom il-purtinara l-ohra, u inoltre din ma

kenitx l-ewwel darba li kienu sabu xi flus neqsin. Ghalkemm is-surmast ighid illi l-imputat dejjem innega illi kien ha xi flus, madanakollu ikompli illi huwa kellu rapport illi l-imputat kellu il-vizzju jitlob il-flus minn ghand shabu.

Illi ghalkemm Patrick Decelis u Anna Abela tressqu bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni, madanakollu dawn iz-zewg xhieda kienu prezenti fl-awla waqt il-kors tas-smigh tal-kawza u kwindi id-difiza oggezzjonata ghal produzzjoni taghhom mill-Prosekuzzjoni. Illi l-Qorti abbazi ta' dak li jipprovid l-artikolu 641 tal-Kodici kriminali laqghet it-talba tad-difiza billi ix-xhieda kienu prezenti waqt is-smigh tax-xhieda ewlenija fil-kawza.

Illi madanakollu mir-rapport maghmula minn Patrick Decelis jidher illi dawn kellhom suspett biss, billi ma hemm l-ebda prova fl-atti li torbot lill-imputat mas-serqiet mertu tal-kawza.

L-imputat jigi arrestat u interrogat. Illi fl-istqarrija li jirrilaxxja fit-13 ta' Frar 2012, huwa jammetti illi kien seraq il-flus f'gurnata meta huwa kien bil-frank, izda ighid li xortawahda dahal fl-iskola sabiex jiccekkja jekk kullimkien kienx maghluq. Ighid illi dahal fil-kamra tal-ghalliema Ms. Anna fetah il-kexxun u ha il-flus minn hemm. Ighid illi dawn il-flus hadhom wara il-hin tax-xoghol u cioe' wara l-hamsa ta' wara nofs in-nhar u nefaqhom billi €20 minnhom huwa xtara il-petrol ghal vettura tieghu u il-bqija nefaqhom fl-ikel ghalih. Jammetti ukoll illi kien hemm okkazzjoni ohra meta huwa ha l-ammont ta' €80 izda ighid illi nesa minn fejn ha dawn il-flus.[1]

Illi l-imputat jaghzel li jiddeponi u fix-xhieda tieghu huwa jirtira l-ammissjoni illi kien ghamel fl-istqarrija tieghu u ighid illi mhuwiex minnu illi il-flus kien hadhom hu. Ighid illi huwa ammetta fl-istqarrija ghaliex kien imbezza' u kien qed ihossu mhedded. Beza' ukoll illi ighaddi mill-esperjenza li ghadda minnha huh meta dan ta'l-ahhar spicca l-habs. Ighid illi huwa ighix ma' ommu u ma ghandux problemi finanzjarji. Dejjem hadem mal-gvern u

[1] Ara stqarrija a fol. 4 sa 6 tal-process.

qatt ma kellu problemi fuq serq ta' flus. Izid ukoll illi huwa qatt ma kellu ic-cwievet ta'l-iskola f'idejh izda dawn kienu ghand purtinara ohra. Jidentifika purtinar partikolari fejn ighid illi dana gieli qabbdu jaghmillu ix-xoghol tieghu ghax kien ighidlu li ma kienx qed ilahhaq max-xoghol.

Illi l-Qorti osservat il-komportament ta'l-imputat fuq il-pedana tax-xhieda. L-imputat jidher illi huwa bniedem misthi, kwiet u b'intelligenza baxxa, tant illi anke ghal semplici mistoqsijiet li kien qed ighamillu d-difensur tieghu, lanqas kien kapaci iwegibhom u f'xi hin lanqas kien ikun qed jifhimhom. Dana huwa ikkonfermat mill-psikjatra kuranti ta'l-imputat Dr. Mark Xuereb, li isejjah mid-difiza sabiex jispjega il-kundizzjoni ta' sahha mentali ta'l-imputat. Il-psikjatra isostni illi l-imputat ghandu learning disability u IQ baxxa hafna, huwa bniedem li ma ghandux makkakerija jew hazen u jiddeskrivieh bhala "naïve", tant illi ighid illi facilment jista' jaqa' vittma ta' nies li jabbuzaw mid-djghufija tieghu.

**"Igifieri bazikament, minn naha tieghi, stajt nara li ghandu learning disability, sfortunatament ir-ricerka tghidilna ukoll li hafna minnhom ikunu uzati bhala vittmi, bhala scapegoats…  The second unfortunate diagnosis illi huwa ghadu qed ibati minn …. dik li ighidulha an adjustment disorder."**

Ikompli ighid illi minhabba f'dina l-kundizzjoni, l-pazjent hafna drabi meta ikun f'sitwazzjoni ta' stress qawwi jibda' ihawwad u ma ikunx ko-erenti. Fil-fatt ighid illi meta irrilaxxja l-istqarrija mal-pulizija certament kien taht stress u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ikun lest illi ighid dak illi riedu minnu il-pulizija halli ikun jista' jehles u imur lejn id-dar.

Jikkonkludi illi l-imputat qieghed taht il-kura tieghu u qieghed jiehu il-pilloli ghal din it-trauma li ghadda minnha.

Illi l-Qorti ghalhekk hija rinfaccajta b'zewg verzjonijiet mil-imputat, dik li huwa jaghti fl-istqarrija tieghu u dik li jaghti meta jixhed fil-qorti. Provi ohra indizzjarji jew cirkostanjzali ma hemmx. Xhieda okulari ukoll ma hemmx. Izda hemm

ix-xhieda tal-psikjatra Dr. Mark Xuereb li jitfa’ dubbju serju fuq d-dikjarazzjonijiet li jaghmel l-imputat, kemm dik li hemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll dak li ighid fix-xhieda tieghu fil-Qorti. Il-Qorti ghalhekk meta thares lejn dawn iz-zewg verzjonijiet, ghalkemm wahda minnhom taghmel iktar sens minn ohra billi fiha iktar dettall li l-imputat biss seta ikun jafhom, madanakollu xortawahda tibqa’ assillata bid-dubbji dwar liema minnhom tikkontjeni l-verita. Ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda prova fl-atti sufficjenti, skond id-dritt penali, sabiex issib lill-imputat hati ta’l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------